**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 63**

**Data:** **22 ta' Frar 2024**

**Hin:** **09.00am**

**Post:** **Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

63.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji;

63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

63.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

63.5 Korrispondenza u Rapporti;

63.6 Progetti u Xogholijiet;

63.7 Attivitajiet;

63.8 Unaudited Financial Statements;

63.9 Skeda ta' Pagamenti;

63.10 Materji ohra;

63.11 Tmiem tal-laqgha.

---

**63.1 Qari tal-ittri ta' Apologiji**

63.1.1 Joseph Mizzi informa lill-Kunsill li ma kienx jista' jattendi minhabba li kien impenjat fuq xoghol Malta.

**63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

63.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

**63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

63.3.1 Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien qed jigi mitlub sabiex jipprovdi sigar indigeni biex jithawlu f'zoni pubblici bhal gonna u sabiex jinghataw lill-individwi sabiex jikber in-numru ta' sigar fil-lokalita'. Huwa ssugerixxa li tintalab kwotazzjoni u ghajnuna mill-Gvern Centrali biex dawn ikunu jistghu jitqassmu u jehlu f'zoni pubblici. Zied jghid li preferibilment dawn ikunu sigar tal-frott. Miriam Borg saqsiet kif wiehed ikun jista' japplika ghal dawn is-sigar u gie spjegat li s-Sindku qal li l-ahjar ikun *online*. Il-Vici Sindku qal li l-ahjar li dawn jinghataw sa nofs marzu minhabba z-zmien li jkunu jridu jitwahhlu. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment tas-Sindku fir-rigward ta' dawn is-sigar.

63.3.2 Tonio Mifsud saqsa dwar id-donazzjoni ta' 2000 sigar x'kien sar dwarhom. Gie spjegat li dan kien progett mill-Anglikani u dawn kienu qed ifitxxu lil entita' li diga ghandha permess ta' l-ippjanar. Peress li l-Kunsill kien ghadu jistenna d-devoluzzjoni taz-zona, dawn marru ghand il-Kunsill ta' Kercem.

63.3.3 Is-Sindku qal li kif diga gie diskuss f'laqghat precedenti madwar il-lokalita' hemm hafna wires li huma mejtin jew li ghandhom bzonn li jitrangaw. Il-Kunsill diga ghamel talbiet lill-awtoritajiet sabiex dawn jitrangaw pero' xorta ghadhom l-istess. Huwa ssugerixxa li jigi nkarigat l-electrican tal-Kunsill u jigi ordnat cherry picker u jitrangaw il-wires. Saret diskussjoni fejn gie innotat li jkun tajjeb li r-residenti jkunu nfurmati dwar dawn ix-xogholijiet ukoll. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru dawn ix-xogholijiet.

63.3.4 Is-Sindku qal li gie imniedi Premju Mara fejn trid tigi nominata mara minn kull lokalita'. Saret diskussjoni dwar min jista' jigi nominat. Issemmew Carmen Vella, Carmen Brooke u Catherine Formosa. Il-Kunsill qabel li l-ewwel ghazla ghandha tkun Carmen Vella.

63.6.5 Is-Sindku nforma lill-membri li l-attivita' tal-Community Day ser tkun qeghda ssir Il-Hadd 19 ta' Mejju, 2024. Il-Kunsill qabel li din ghandha ssir kif ippjanat.

63.6.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jigi mistieden biex isir gemellagg ma' Kunsill f'Marseille. Gew mistiedna sabiex il-Kunsilliera jzuru dan ir-rahal fit-tieni gimgha ta' Marzu. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li jara l-possibilita' li dan il-vjagg isir bejn is-6 sat-8 ta' Marzu, 2024. Il-Kunsill qabel unanimament li ghandhom isiru l-arrangamenti mehtiega sabiex tinzamm din iz-zjara.

**63.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

63.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**63.5 Korrispondenza u Rapporti**

63.5.1 Gew trattati s-segwenti applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp:
PA/00217/24, PA/00274/24, PA/00563/24, PA/00608/24, PA/00633/24, PA/00883/24 u PA/00460/24.

63.5.2 Korrispondenza minghand l-Arcipriet Mons. Trevor Sultana fejn talab sabiex il-parti li tinsab wara l-Knisja tinghata l-isem bhala Wesgha l-Kolleggjata – 19 ta' Mejju 1774 f'okkazjoni tal-250 anniversarju mit-twaqqif tal-Kolleggjata. Il-Kunsill qabel ma' dak propost mill-Arcipriet.

63.5.3 Korrispondenza minghand l-Arcipriet Mons. Trevor Sultana fejn talab l-ghajnuna tal-Kunsill sabiex jigi ppublikat ktejjeb dwar l-istorja tal-Kolleggjata tal-Gharb li ser isir minn Mons Joseph Bezzina. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jaghti l-ghajnuna lill-Arcipriet.

63.5.4 Kwotazzjoni minghand Cefai Audio Visual sabiex tkun tista' titella' l-farsa f'April. Il-Kunsill qabel ma' din il-kwotazzjoni.

63.5.5 Giet trattata korrispondenza minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fir-rigward Skemi ghas-sena 2024. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu japplika ghalihom.

63.5.6 Giet trattata kwotazzjoni minghand Longbow Ltd dwar boroz grizi ghar-reciklagg. Gie spejgat li qabel dawn kienu jinghataw b'xejn mill-Green MT. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandu jipprovdi dawn il-boroz.

**63.6 Progetti u Xogholijiet**

63.6.1 Is-Sindku qal li kien qieghed jinsisti mall-kuntrattur sabiex jinbdew ix-xogholijiet fi Triq Tumas Cassar. Huwa qal li din hija prijorita' specjalment minhabba l-progett tal-pannelli. Is-Sindku qal li l-istruttura hija lesta u sa l-ahhar tax-xahar il-panelli ser ikunu f'posthom u jkun fadal biss li jigu kkonettjati.

63.6.2 Gie imsemmi l-progett tal-pool fejn s'issa sar l-iskavar u jmiss li jsir ix-xoghol tas-siment u xogholijiet ohra relatati. Waqt il-laqgha s-Sindku wera kampjuni ta' madum u art li jistghu jintuzaw ghall-pool u z-zona tal-madwar.

63.6.3 Miriam Borg staqsiet jekk hux possibli li xi persuni juzaw iz-zona ta' fejn gejja l-pool ghal gymnastics. Hi qalet li kien hemm persuna li xtaqet tuza din l-area biex tipprovdi lezzjonijiet privati. Gie innotat li sabiex tuza din iz-zona trid issir divizjoni li tkun anke *sound proof* biex fl-istess waqt il-bqija tal-post ikun jista' jintuza ukoll peress li hija jkollha lezzjonijiet ta' kuljum. Il-Kunsill kompla jiddiskuti fejn ra ukoll il-possibilita' li jintuzaw zoni ohra minflok bhal ma' hija l-hall ta' l-iskola jew il-gym.

63.6.4 Saret referenza ghall-progett ta' l-accessibilita' fejn is-Sindku qal li jridu jinxtraw il-*planters*. Gie spjegat li l-haddiem tal-Kunsill ser ikun qed iharrek dawk li hemm fi Pjazza Gerano fejn dawk godda ser jitpoggew fil-Pjazza taz-Zjara tal-Madonna, Triq il-Knisja u Pjazza San Pietru. Huwa qal ukoll li l-Boom Barriers waslu u dawn ser ikunu qeghdin jintuzaw sabiex meta jkun hemm bzonn gheluq ta' certu toroq inkluz waqt il-hinijiet tad-dhul u hrug mill-iskola dawn ikunu fil-post u kemm jitnizzlu. Minkejja dan ir-residenti ta' dawn it-toroq ser jinghataw mezz ta' kif jidhlu fit-triq partikolari jekk ikun hemm il-htiega. Il-Kunsill qabel ma' dan.

**63.7 Attivitajiet**

63.7.1 Ghall-Ghid ser isiru l-attivitajiet li ser jinkludu t-tizjin ta' toroq b'dawl ta' l-Ghid kif ukoll attivitajiet tat-tfal li jinkludu t-tqassim ta' bajd ta' l-Ghid. Is-Sindku qal li kif kien ippjanat ser issir Bajda ta' l-Ghid kbira tac-cikkulata li ser tinhadem apposta u tigi mimlija bil-helu. Jekk din tirnexxi u tkun success huwa ssugerixxa li tigi miftuha meta jinhareg l-irxoxt. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment.

63.7.2 Attivitajiet ohra marbuta ma' l-Ghid hemm ukoll l-Infiorata tal-melh li ser issir minn l-Assocjazzjoni Maltija EspressjonArti Gharb nhar il-Hadd 24 ta' Marzu kif ukoll il-kuncert Lignum Vitae mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni nhar is-Sibt 23 ta' Marzu.

**63.8 Unaudited Financial Statements**

63.8.1 Is-Sindku qal li ghadhom kif gew pprezentati l-*unaudited financial statements* li gew ippreparati mill-accountant tal-Kunsill fejn jidher li s-sitwazzjoni hija tajba pero' minhabba d-*depreciation* is-sitwazzjoni tidher li l-Kunsill qieghed f'*deficit*. Il-Kunsill qabel li ghandhom jigu ffirmati sabiex jigu awdidjati mill-awditur tal-Gvern.

**63.9 Skeda ta' Pagamenti**

63.9.1 L-Iskeda tal-pagamenti giet approvata mill-Kunsill.

**63.10 Materji ohra**

63.10.1 Il-Vici Sindku staqsa dwar l-*automated* toilets jekk il-Kunsill kienx ha tnejn. Is-Sindku spjega li kienet inharget l-iskema u kif il-Kunsill kien gie moghti tnejn. Huwa zied jghid li fir-rigward ta' Triq Trux qed jigi identifikat il-possibilita' li din tinbena.

63.10.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jiddiskuti l-applikazzjoni tal-permess ta' zvilupp numru PA232/2024 li tirrigwardja blokka ta' appartamenti faccata ta' l-iskola primarja. Huwa talab lil Vici Sindku sabiex johrog peress li kellu interess f'din l-applikazzjoni.

Il-Vici Sindku hareg mill-kamra.

Tkompliet il-laqgha fejn is-Sindku spjega li faccata ta' l-iskola primarja hemm proposta sabiex tinbena blokka ta' appartamenti. Min-naha tieghu huwa tkellem mall-perit tal-Kunsill sabiex jiccekkja jekk hemmx xi ksur tal-policies fl-applikazzjoni fejn dan kien qal li bhala gholi ma kienx jeccedi dak mitlub fiz-zona u jidher li kien qeghda skond il-policies. Apparti dan il-Perit innota ukoll li zewg postijiet ohra fl-istess triq ghandhom u ser ikollhom l-istess gholi. Gie moqri ukoll il-messagg li bghat il-perit. Gie innotat ukoll li ghal binijiet l-ohrajn il-Kunsill qatt ma sab oggezjoni u l-unika kumment li kien ghamel il-Kunsill huwa li riedet issir kamra ghall-iskart. Miriam Borg qalet li bhala Kunsill jista' jinsisti li ma jigux mikrija postijiet ghall-housing pero' dan mhux punt li l-Kunsill jista' jidhol fih. Is-Sindku gibed l-attenzjoni ukoll li l-Kunsill irid joqghod attent ukoll jekk jiddeciedi li jaghmel oggezjoni peress li jekk ma jkunx hemm bazi fuq xiex is-sid jista' jfittex lill-Kunsill. Is-Sindku qal li kien hemm xi persuni li xtaqu ikellmu lill-Kunsill dwar din l-applikazzjoni. Huma gew mistiedna jidhlu fil-kamra.

Dahlu ghal-laqgha r-residenti u s-Sindku talabhom sabiex iwasslu l-kummenti taghhom. Huwa gibdu l-attenzjoni dwar diversi punti kif segwenti:

- L-gholi tal-binja li qed jigi propost;
- Il-binja ser tkun qed tibdel il-karatteristika tal-lokalita';
- Il-lokalita' ghandha tigi protetta in generali. Kull fejn thares tara disastru;
- Zdieda fil-populazzjoni u tibdil ta' stil ta' hajja;
- Oggezjoni anke peress li dan l-izvilupp propost qieghed quddiem l-iskola;
- Il-progett huwa wiehed spekulattiv u s-Sindku mhux qed jimxi ma' dak li jirraprezenta fil-parti tieghu li huwa Gharb l-Ewwel u ghaldaqstant mhux jara l-interess ta' l-Gharb.

Tkompliet id-diskussjoni fejn residenti ohra li kienu qeghdin online fil-wattsapp group talbu li jitkellmu u qajmu l-punti segwenti:

- Resident qal li dawn huma cari li huma kontra l-policies u li lanqas hemm garaxijiet bizzejjed skond l-appartamenti;
- Punt iehor huwa dwar is-sahha u sigurta' tat-tfal u kemm irid ikollhom trabijiet u storbju;
- Il-Kunsill ghandu jaghti l-appogg tieghu kontra dan l-izvilupp kif diga qal li ha jaghmel il-Kunsillier Joseph Mizzi ghall-beneficcju ta' l-Gharb u Ghawdex;
- It-turizmu ha jintlaqt peress li huma jigu Ghawdex ghax hu post sabih u protett.

Is-Sindku qal li huwa jaqbel li ghandna nimxu mall-ligi u din hija diskussjoni li jrid jiehu l-Kunsill skond il-parametri tal-ligi biex isir kollox kif suppost. Is-Sindku gie mistoqsi meta kien gie involut il-Perit tal-Kunsill fejn huwa qal li kif id-diskussjoni fuq il-whappsapp tkellem mieghu immedjatament. Ir-residenti qalu li dan kellu jigi kkuntatjat mill-ewwel u staqsew jekk twahhlitx is-site notice fejn huwa qal li dan ma jkunx jafu hu.

Il-Kunsill gie ukoll mitlub sabiex jitlob ghall-estensjoni taz-zmien fejn wiehed jista' jibghat l-oggezjoni tieghu fejn huwa qal li jekk hu possibli dan jaqbel li ghandu jsir. Is-Sindku qal ukoll li kien jipprova kif diga kien ghamel jikkuntatja lil Dr. Claire Bonello biex flimkien maghha u mall-Perit jiddiskuti din il-materja. Kien filfatt li dak il-hin stess huwa pprova jikkuntatja lil Dr. Bonello pero' din ma rrispondietx. Huwa qal ukoll li kien diga bghatilha messag permezz tal-mobile.

Argument iehor li tqajjem kien li dan l-izvilupp kien fih 19 l-appartament filwaqt li l-iehor kien fih biss 4 appartamenti. Gie innotat li d-differenza hija ukoll li wiehed kien jikkonsisti f'nofs plot filwaqt li l-iehor kien ta' zewg plots.

Ir-residenti baqghu jirsistu li l-Kunsill ghandu jwassal l-oggezjoni tieghu u qalu li ma jimpurtax jekk il-Kunsill jitressaq il-qorti b'hekk ikunu qeghdin itawwlu z-zmien biex jitwettaq tali zvilupp. Ir-residenti qalu ukoll li dawn l-appartamenti ser ikunu mibjugha lil persuni minn Malta u jsir minnhom xi B&B fejn is-sulari ta' fuq ser ikunu qed iharsu fuq l-iskola u jaghmlu dell anke fuq il-panelli li hemm fuq l-iskola.

Huma ziedu jghidu li l-bord ta' l-awtorita' huwa maghmul minn Ghawdxin u dawn ghandhom jaqblu huma ukoll mall-punti imsemmija u anke l-Ministru ghal Ghawdex li issa huwa responsabbli mill-ippjanar. Huma qalu li jekk ma jsirux oggezjonijiet dan l-izvilupp jigi moghti l-permessi mehtiega. Ghalhekk huma qalu li ghandha ssir pressjoni fuq il-membri tal-bord Ghawdxin.

Is-Sindku qal li fl-opinjoni personali tieghu jekk hemm bazi fuq x'hiex issir oggezjoni din ghandha ssir. Huwa zied jghid li ser ikun qed iwassal l-oggezjonijiet quddiem il-Kunsill u dan ta' l-ahhar jiehu decizjoni x'passi ghandhom jittiehdu.

Tkomplu jitkellmu r-residenti fejn qalu li l-gholi ta' dan il-bini ser ikun qed jiftah pandora box u anke is-sahha tar-residenti ta' l-Gharb li huwa rahal zghir ser tkun kompromessa. Punt iehor huwa ghaliex ma giex moghti bizzejjed zmien sabiex isiru r-rapprezentazzjonijiet u ghaldaqstant ghandha tintalab estenzjoni. Ir-residenti qalu ukoll li huwa x-xoghol tal-Kunsill li jara x'zvilupp ghandu jsir gewwa l-lokalita' kif ukoll affarijiet ohra bhala estetika, l-iskola, l-istorja tar-rahal u ohrajn. Ir-resident zied jghid li ser tizdied il-problema bit-traffiku, impatti fuq il-wirt patrimonjali u policies ohra fejn ghalihom qed isir oggezjoni. Huma ziedu jghidu li jekk ghandek tirtira m'ghandekx tara biss il-policy li tirringwardja l-gholi biss u l-Kunsill ghandu joggezzjona ghaliex huma zvilupp hazin u mhux ghax is-sid ghandu dritt li jaghmel dan. Ir-resident zied jghid li huwa iniffsu bhala perit qal li hemm bazi fuq x'hiex wiehed jiggieled u li huwa d-dmir tal-Kunsill li joggezjona huwa ukoll. U jekk il-Kunsill jittiehed il-qorti ghal dan ghax ma jkollux ragun ikun intilef iz-zmien biex il-kuntrattur jibda' l-progett. Apparti dan il-binja li llum hija dar m'ghandiex titwaqqa'. Huwa bhala perit offra s-servizz tieghek jekk ikun hemm il-htiega probono biex jitwaqqaf milli jsir dan l-izvilupp.

Is-Sindku rringrazzja lir-residenti li qal li din il-materja ghandha tigi diskuss mill-Kunsill sabiex jiehdu d-decizjoni tieghu. Jekk ikun hemm il-mezz ser tintalab estensjoni.

63.10.3 Saret referenza ghall-iskema tac-CIES fejn il-Kunsill qabel li jekk tinhareg xi skema bhal din u simili l-Kunsill ghandu jitfa' l-applikazzjoni tieghu.

63.10.4 Is-Sindku ghamel referenza ghall-iskema tar-Regjun fejn il-Kunsill gie moghti zewg latrini awtomatici. Sar qbil unanimu li ghandha tinhareg offerta' b'mod accellerat sabiex jigu akkwistati. Dwar il-progett akwatiku kien hemm qbil li tinhareg offerta ghal gypsum biex jinkesa l-hajt u sabiex isir il-pavimentar tal-kumpless.

63.10.5 Tonio Mifsud talab sabiex isiru zewg road humps fi Triq ta' Sdieri. Is-sindku informal lil Mifsud li l-ittri ga kienu ppreparati lil min qed iressaq it-talba sabiex bhas-soltu jibda' l-process tas-survey mar-residenti dwar dan. Hekk kif il-Kunsill ikollu f'idejh ir-rizultat ikun jista' jiddeciedi u jekk ikun hemm qbil tintalab l-approvazzjoni tat-Transport Malta.

**63.11 Tmiem tal-laqgha**

63.11.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar it-Tlieta 19 ta' Marzu 2024 fid-9.00am.

63.11.2 Il-laqgha spiccat fil-11.00am.

Konfermati minn

David Apap Agius
Sindku

Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv